**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – Kwiżż**

**Modulu:** Idisinja metodoloġiji ta' ħsieb u worksheets prattiċi għal persuni li jaħdmu maż-żgħażagħd

1. Għala huwa important li tikkunsidra d-disinn tal-ħsieb fit-tfassil tal-politika?

a) Biex ikollok perspettivi ġodda għal problemi qodma

b) Biex tipprova metodi ġodda biex toħloq il-liġijiet

c) Mhuwiex relevanti li tikkunsidra d-disinn tal-ħsieb fit-tfassil tal-politika

d) Gaħliex għandna ħafna problemi ġodda xi nsolvu

Tweġiba: a) Biex ikollok perspettivi ġodda għal problemi qodma

2. Min hu kkunsidrat bħala wieħed mill-ewwel individwi li semma d-disinn tal-ħsieb, u meta?

a) Il-Federazzjoni Ewropea taċ-Ċiklisti fl-1969

b) Ir-rebbieħ tal-Premju Nobel Herbert A. Simon fl-1969

c) L-Assoċjazzjoni Amerikana tat-Trasport Pubbliku fl-2000

d) Ir-rebbieħ tal-Premju Nobel Herbert A. Simon fl-1999

Tweġiba: b) Ir-rebbieħ tal-Premju Nobel Herbert A. Simon fl-1969

3. Liema minn dawn id-dikjarazzjonijiet tista' tiġi relatata mal-'beginner's mind'?

**Commented [1]:** In such instances it does not make sense to translate half of it (i.e. moħħ ta' beginner) or to render it into clumsy Maltese (i.e. moħħ ta' wieħed għadu kemm jibda) given that I'm presuming it has a technical referent in mind.

a) Mod kif wieħed jaħseb mhux b'mod konvenzjonali sabiex jifhem ċertu sitwazzjonijiet partikolari

b) Mod ta' kif wieħed jista' jsaqsi mistoqsijiet bħallikieku m'għandu l-ebda idea ta' x'inhi r-risposta

c Bħal aljen mill-ispazju li jinżel fid-Dinja għall-ewwel darba u jsaqsi lilu nnifsu għala naħdmu matul il-jum u norqdu matul il-lejl

d Bħal aljen mill-ispazju li jinżel fid-Dinja għall-ewwel darba u jsaqsi lilu nnifsu għala narmu plastik fl-oċeani tagħna

Tweġiba: Dawn t'hawn fuq kollha

4. Liema rwol ta' ħaddiema żgħażagħ MA JABBINAX mal-modijiet li bihom jistgħu jissaħħu ż-żgħażagħ?

a) Konsulenza

b) Abbiltà b'saħħitha li wieħed jisma'

Commented [2]: For some reason the formatting here is awry.

c) L-involviment taż-żgħażagħ f'attivitajiet differenti soċjali u ta' divertiment

d) L-inkoraġġixximent taż-żgħażagħ biex isegwu n-normi soċjali mingħajr ma jikkuntestawhom

Tweġiba: d) L-inkoraġġixximent taż-żgħażagħ biex isegwu n-normi soċjali mingħajr ma jikkuntestawhom

5. Min suppost ikun fiċ-ċentru tal-metodoloġija tad-disinn tal-ħsieb?

a) Il-magni

b) Is-sistema politika

c) Il-bnedmin

d) Nies vulnerabbli

Tweġiba: c) Il-bnedmin

6. Liema huma s-sitt fażijiet tal-proċess tad-disinn tal-ħsieb? Agħżel l-ordni korretta:

a) Tifhem, tosserva, tiddefinixxi punto di vista, toħloq l-ideat, tiżviluppa prototip, u tittestja

b) Tiddefinixxi punto di vista, toħloq l-ideat, tiżviluppa prototip, tifhem, tosserva, u tittestja

c) Tifhem, tiddefinixxi punto di vista, toħloq l-ideat, tiżviluppa prototip, u tirrifletti

d) Tirrifletti, tosserva, tifhem, tiddefinixxi punto di vista, toħloq l-ideat, u tiżviluppa prototip

Tweġiba: a) Tifhem, tosserva, tiddefinixxi punto di vista, toħloq l-ideat, tiżviluppa prototip, u tittestja

7. X'inhu MHUX mistenni mill-fażi li fiha tiddefinixxi?

a) Li tfassal il-problema u tistabbilixxi għanijiet

b) Li tevalwa, tinterpreta, u li tiżen is-sejbiet

c) Li tifhem il-problema

d) Pass ta' qabel toħloq ideat possibbli biex iservu ta' soluzzjonijiet

Tweġiba: c) Li tifhem il-problema

8. Kif nistgħu noħolqu ideat skont il-metodoloġija tad-disinn tal-ħsieb?

a) Għandna naqbdu l-fehim u l-għarfien tal-passi preċedenti u nwaħħduhom mal-immaġinazzjoni biex infasslu soluzzjonijiet

b) Għandna naħsbu dwar il-problema waħidna sakemm naslu għal soluzzjoni

c) M'għandnix nużaw għodda kreattivi u neħduha bis-serjetà

d) Għandna nużaw metodoloġija ta' prova u żball mingħajr ma ntuha wisq ħsieb

Tweġiba: a) Għandna naqbdu l-fehim u l-għarfien tal-passi preċedenti u nwaħħduhom mal-immaġinazzjoni biex infasslu soluzzjonijiet

9. Kif tista' l-għodda tal-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-problema tintuża miż-żgħażagħ?

a) Għandha tintuża biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta' persuna żagħżugħa

b) Tintuża biex tgħin timijiet jifhmu l-problema sabiex jaħdmu lejn soluzzjoni għaliha

c) Għandha tintuża minn żgħażagħ f'intervisti twal sabiex jakkwistaw idea inizjali tal-kwistjoni

d) Tista' tuża din l-għodda biss bl-għarfien tiegħek dwar iż-żagħżugħ li qed taħdem miegħu/magħha

Tweġiba: b) Tintuża biex tgħin timijiet jifhmu l-problema sabiex jaħdmu lejn soluzzjoni għaliha

10. X'inhuma l-elementi prinċipali ta' eżerċizzju ta' brainstorming?

a) Li tiġġenera kemm ideat possibbli (ideazzjoni) qabel ma jiġu solvuti

b) Li tistimula l-kreattività u tippermetti lill-parteċipanti jikkontribwixxu l-ideat tagħhom

c) Kunfidenza kreattiva, kwantità qabel kwalità, tivviżwalizza l-ideat u tuża l-mossi

d) Tibni fuq l-ideat ta' ħaddieħor, titkellem persuna waħda biss fl-istess waqt, bla preġudizzji, tkompli tagħmel brainstorming, u tfalli sikwit u b'mod bikri

Tweġiba: Dawn t'hawn fuq kollha